32004D0906

L 381/78 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 28.12.2004

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' Diċembru 2004

## dwar il-ħatra għall-kariga ta' membri għall-Kumitat ta' l-Ispetturi Superjuri tax-Xogħol

(2004/906/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/319/KE tat-12 ta' Lulju 1995 li twaqqaf Kumitat ta' l-Ispetturi Superjuri għax-Xogħol ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2004 C/2004/1542 (*)

Wara li kkunsidrat il-lista ta' kandidati mressqa mill-għaxar Stati Membri ġodda,

Billi:

(1) L-Artikolu 5 (1) tad-Direttiva jsemmi li l-Kumitat għandu jikkonsisti minn żewġ rappreżentanti minn kull Stat Membru.

(2) L-Artikolu 5 (2) tad-Deċiżjoni jsemmi li l-membri tal-Kumitat għandhom ikunu maħtura mill-Kummissjoni fuq proposta mill-Istati Membri.

(3) L-Artikolu 5 (3) ta' dik id-Deċiżjoni jsemmi li l-kariga tal-membri tal-Kumitat għandha tkun ta' tliet snin u li l-ħatra tagħhom għandha tkun tiġġedded. Madankollu, peress li l-kariga preżenti tal-membri tal-Kumitat tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006 huwa xieraq li l-membri mill-għaxar Stati Membri ġodda jinħatru għal kariga li tintemm fl-istess data.

(4) Wara l-adeżjoni ta' għaxar Stati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, u fuq il-bażi tal-proposti riċevuti mingħandhom skond l-imsemmi Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 95/319/KE tat-12 ta' Lulju 1995, il-Kummissjoni għandha taħtar il-membri tal-Kumitat biex jirrappreżentaw l-għaxar Stati Membri għall-perijodu bejn Mejju 2004 u Diċembru 2006.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni preżenti huma maħtura bħala membri tal-Kumitat ta' l-iSpetturi Superjuri tax-Xogħol (SLIC) għall-perijodu bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006.

Magħmula fi Brussell, fit-23 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Vladimír ŠPIDLA

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 188, tad-9.8.1995, p. 11.

(*) Għadha m'hix pubblikata.

*ANNESS*

**Ħatra tal-membri tal-Kumitat ta' l-Ispetturi Superjuri tax-Xogħol**

Il-Kumitat ta' l-Ispetturi Superjuri tax-Xogħol kien imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/319/KE tat-12 ta' Lulju 1995.

Il-Kummissjoni iddeċidiet li taħtar lill-membri li ġejjin għall-perijodu bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006.

| | |
|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | Is-Sur Jaromir Elbel<br>Is-Sinjura Daniela Kubičová |
| Ċipru | Is-Sur Leandros Nicolaides<br>Is-Sur Anastasios Yiannaki |
| L-Estonja | Is-Sur Priit Siitan<br>Is-Sinjura Katrin Lepisk |
| L-Ungerija | Is-Sur András Békés<br>Is-Sinjura Kornélia Molnár |
| Il-Latvja | Is-Sur Jānis Bērzinš<br>Is-Sinjura Tatjana Zabarovska |
| Il-Litwanja | Is-Sur Mindaugas Pluktas<br>Is-Sinjura Dalia Legiené |
| Malta | Is-Sur Mark Gauci<br>Is-Sur Silvio Farrugia |
| Il-Polonja | Is-Sinjura Anna Hintz<br>Is-Sinjura Katarzyna Kitajewska |
| Is-Slovenja | Is-Sur Borut Brezovar<br>Is-Sur Boriz Ruzic |
| Is-Slovakkja | Is-Sur Gabriel Hrabovsky<br>Is-Sinjura Ludmila Mikleticova |